**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Paul Camilleri]**

**vs**

**Carmel Xerri**

**Kumpilazzjoni Numru: 363/2020**

**Illum, 20 ta’ Gunju, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Carmel Xerri detentur tal-karta tal-identita` numru 228351M akkuzat talli nhar it-2 ta’ Mejju 2020 ghall-habta ta’ 10:30hrs u/jew fil-granet u hinijiet differenti, gewwa Nru. 7, Desmarie, Triq San Piju X, Santa Lucija il-Fgura u/jew f’dawn il-gzejjer:

1. Bl-imgieba tieghu kkaguna lis-siehba tieghu ***Maria Xerri***, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' taghha meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Desire Farrugia biza' u dan bi ksur tal-artikolu 251B(1) u bl-agravanti tal-artikoli 251H(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Hebb ghal ***Marija Xerri*** sabiex jingurjaha, idejjaqa jew jaghmilla hsara b'xi mod u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Insulent, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil ***Marija Xerri*** u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' ***Marija Xerri*** billi jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikoli 382A u 383 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-qorti giet mitluba wkoll li flimkien ma' hrug ta' ordni ta' protezjoni tohrog ordni ta' trattament li jkun mehtieg fil-konfront ta' l-akkuzat *Carmel Xerri* u dan ai termini 412D tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

l-Qorti giet finalment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi *Carmel Xerri*, biex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi.

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 251B(1), 251H(a), 339(1)(d), 339(1)(e), 412C, 382A, 383, 412D u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante li l-ewwel (1) akkuza ma gietx ippruvata u stante li t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi huma preskritti bil-preskrizzjoni trimestrali, il-Qorti ma ssibx lill-imputat Carmel Xerri hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tilliberah minnhom.

_________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**